



28.9.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0042/12 imressqa minn Jacek Kuzma, ta' ċittadinanza Pollakka, dwar l-allegata negliġenza tal-imħalfin Pollakki waqt it-trattament tal-każ tiegħu u l-ksur relatat tar-rekwiżiti tal-Liġi Komunitarja**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant, li jħoss li kien vittma ta' trattament negliġenti min-naħa tal-imħallfin Pollakki fir-rigward tat-trattament tal-każ tiegħu dwar l-infurzar tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u l-ħlas pendenti tax-xogħol, jirreferi għas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-173/03 (Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istati Membri – danni kkawżati lill-persuni minn ksur tad-dritt Komunitarju li huwa attribwit lil qorti nazzjonali ta' l-aħħar istanza– Limitazzjoni, mil-leġiżlatur nazzjonali, tar-responsabbiltà tal-Istat għall-każijiet ta' frodi u ta' nuqqas gravi tal-qorti – Esklużjoni ta' kull responsabbiltà marbuta mal-interpretazzjoni tar-regoli ta' dritt u mal-evalwazzjoni tal-elementi ta' fatt u ta' provi mwettqa fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kariga ġudizzjarja). Il-petizzjonant diġà ressaq, bla suċċess, il-każ tiegħu quddiem il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, iżda billi hu tal-fehma li s-Sentenza tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea fil-każ imsemmi hawn fuq tista' tkun applikabbli, huwa jitlob lill-Parlament Ewropew biex jintervjeni.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-27 ta' April 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Il-petizzjonant ġie nominat bħala amministratur (*zarzadca komisaryczny*) ta' entità pubblika f'sitwazzjoni ta' insolvenza, li eventwalment ġiet iddikjarata falluta. Matul il-proċedimenti ta' falliment, il-pagi tal-petizzjonant ġew klassifikati li jaqgħu taħt is-6 klassi ta' dejn prijoritarju

u eventwalment ma tħallsux mill-beni tal-fallut. Il-petizzjonant ikkontesta din id-deċiżjoni fil-qrati Pollakki mingħajr suċċess.

Il-petizzjonant iqis li huwa kien il-vittma ta' negliġenza min-naħa tas-sistema ġuridika Pollakka fir-rigward tat-trattament tal-każ tiegħu. Huwa lmentat li bid-deċiżjoni tal-qrati Pollakki huwa tilef ir-remunerazzjoni tiegħu. Huwa jgħid li l-qrati Pollakki, bl-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tar-remunerazzjoni tiegħu bħala 6 klassi ta' dejn prijoritarju kisru l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), b'mod partikolari d-drittijiet ta' proprjetà, kif ukoll id-dritt ta' rimedju effettiv.

Huwa lmentat mal-Qorti ta' Strasburgu imma l-ilment tiegħu ġie rifjutat mill-QEDB.

Fil-petizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew huwa jargumenta li l-qrati Pollakki, inkluża l-qorti tal-aħħar istanza, injoraw l-obbligi imposti fuqhom mid-dritt internazzjonali, speċjalment il-QEDB, li rriżulta f'sentenza li ħolqitlu ħsara finanzjarja. Abbażi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Kawżi C-173/03 *Traghetti del Mediterraneo* u C-224/01 *Köbler*) huwa jsostni li l-Polonja għandha tiġi mgħiegħla tikkumpensah għall-ħsara li hija riżultat ta' sentenza finali tal-qorti Pollakka li tikser id-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġu rikonossuti l-QEDB u s-sistema legali tal-UE.

Fid-deċiżjonijiet kwotati mill-petizzjonant, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE rikonossiet l-eżistenza tar-responsabilità ta' Stat Membru għal deċiżjoni tal-qorti nazzjonali tal-aħħar istanza fejn id-deċiżjoni tikser ir-regola li toriġina mil-liġi tal-UE maħsuba biex tagħti d-drittijiet lill-individwi, fejn il-ksur ikun serju biżżejjed u ma jkunx hemm rabta kawżali diretta bejn dak il-ksur u t-telf jew ħsara mgħarrba mill-partijiet offiżi.

Dan il-prinċipju ma jistax jiġi applikat fil-każ imqajjem mill-petizzjonant għax ma hemmx rabta bejn id-deċiżjoni tal-qorti u l-liġi tal-UE.

Skont it-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>, l-Unjoni ma għandha l-ebda setgħa ġenerali fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. Bi qbil mal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) id-drittijiet fundamentali jikkostitwixxu, tabilħaqq, prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE. Id-drittijiet fundamentali rikonossuti mill-UE jissemmew fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-Karta torbot legalment, kif jiċċara l-Artikolu 51 tagħha, kwistjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE meta tiġi implimentata l-liġi tal-UE. L-Artikolu 6 tat-TUE jiddikjara b'mod ċar li d-dispożizzjonijiet tal-Karta ma jestendu bl-ebda mod il-kompetenzi tal-Unjoni kif rikonossuti mit-Trattati. Għalhekk, fuq il-bażi tal-liġi tal-UE, Stat Membru jista' jiġi ddikjarat responsabbli għal ksur tad-drittijiet fundamentali biss jekk tali ksur jidher meta l-Istat Membru kien qed japplika l-liġi tal-UE.

Skont l-informazzjoni pprovduta, ma jidherx li l-kwistjoni msemmija mill-petizzjonant hija relatata mal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Ir-Regolament (KE) Nru.1346/2000 tal-UE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza, li jstipula regoli komuni dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati, ir-rikonossiment tas-sentenzi u l-liġi applikabbli, u l-koordinament obligatorju tal-proċedimenti miftuħa f'hafta Stati Membri mhuwieq rilevanti f'dan il-kuntest. Iċ-ċentru tal-gravità tal-ilment huwa l-kwalifika allegatament mhux ġusta tal-petizzjonant bħala s-6 kreditur prijoritarju. Ir-Regolament ma fiħx regoli dwar il-

---

<sup>1</sup> It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

kategorizzazzjoni tal-kredituri.

Il-qrati Pollakki li ħadu deċiżjoni fil-każ tal-petizzjonant, billi kkwalifikawh bħala kreditur tas-6 kategorija, ma applikawx il-liġi tal-UE imma l-liġi nazzjonali. Għalhekk, deċiżjoni bħal din tal-qrati Pollakki ma tista fl-ebda każ twassal għar-responsabilità tal-Polonja fil-ksur ta' liġi tal-UE.

Fil-każ preżenti, hi għalhekk responsabilità tal-Istat Membru kkonċernat li jiżgura li l-obbligi tiegħu fir-rigward tad-drittijiet fundamentali - kif jirriżulta mill-ftehim internazzjonali u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mil-leġiżlazzjoni interna tagħhom - jiġu rrispettati.

Abbażi tal-elementi pprovduti fl-ilment, il-Kummissjoni ma tistax tkompli ssegwi dan il-każ.

Barra minn hekk irid jiġi nnotat li, f'kwalunkwe każ, l-istituzzjonijiet tal-UE ma għandhom l-ebda setgħa li jaġġudikaw il-kumpens għal ħsara finanzjarja minħabba ksur tal-liġi tal-UE mid-deċiżjoni ta' qorti ta' Stat Membru. L-individwi jistgħu jfittxu kumpens bħal dan fil-qrati nazzjonali.